**18 ta' Jannar, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Michael Fenech *noe*

*versus*

Piu Camilleri

**Bejgħ bl-Ingross u bl-Imnut**

*Il-konvenut ippretenda li d-differenza bejn bejgħ bl-imnut u dak bl-ingrossa huwa li dak ta' l-aħħar irid isir għal skop kummerċjali. Dan mhux kriterju validu għaliex ma joħroġx mil-liġi tagħna anki jekk fil-prattika ħafna drabi hekk hu. Il-liġi tagħna din id-distinzjoni ma għamlithiex u dak li jiddetermina n-natura tal-konsenja, ċjoè jekk hux bl-imnut jew bl-ingrossa, huwa n-negozju partikolari li jkun sar u partikolarment l-ammont involut.*

*Infati, skond il-liġi tagħna kif inhi, huwa possibbli li bejgħ bl-imnut isir mill-grossista wkoll bħala ma hu possibbli li d-dettaljatur f'ċerti ċirkostanzi jbigħ bl-ingrossa.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-23 ta' April, 1990 li minnha sar l-appell preżenti u li taqra hekk:

"Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-11 ta' Awissu 1987 li biha l-attur *nomine* ppremetta illi l-attur *nomine* kien biegħ u kkonsenja lill-konvenut ammont ta' *diesel* fis-somma ta' tliet mija u ħamsin lira (Lm350);

Illi l-konvenut interpellat biex iħallas baqa' inadempjenti;

*Omissis;*

Talab li, għa. ragunijiet permessi, dina l-Qorti...*omissis*...;

Tikkundanna lill-konvenut *nomine* jħallas is-somma ta' tliet mija u ħamsin lira (Lm350) skond skrittura Dok. 'B';

Bl-ispejjeż u l-imgħax fuq is-somma mitluba mid-data tan-notifika kontra l-konvenut;

Rat in-nota tax-xhieda u l-affidavit ta' l-attur *nomine* kif ukoll id-dokumenti minnu esibiti...*omissi*...;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fis-7 ta' Settembru 1987 li biha eċċepixxa:

"Illi l-azzjoni odjerna promossa mill-attur *nomine* hi preskritta a tenur ta' l-artikolu 2253 tal-Kodiċi Ċivili;

Salvi eċċezzjonijiet oħra";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-konvenut u l-lista tiegħu tax-xhieda...*omissis*...;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża u senjatament ir-Rapport

ta' l-Assistent Ġudizzjarju ppreżentat fis-7 ta' Settembru 1989...*omissis*...;

Ikkunsidrat:

L-attur *nomine* ppremetta li biegħ u kkonsenja lill-konvenut kwantità ta' "*diesel*" bil-prezz ta' Lm350 li l-konvneut, għalkemm interpellat għall-ħlas, baqa' inadempjenti;

Il-konvenut eċċepixxa li l-azzjoni hija perenta bil-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2253 tal-Kodiċi Ċivili, li llum jikkorispondi għall-artikolu 2148 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta ta' l-1984;

Ikkunsidrat:

Illi l-abili Assistent Ġudizzjarju ssottometta li mhux applikabbli l-preskrizzjoni ssollevata mill-konvenut peress illi l-kelma "imnut" tfisser kwantitajiet żgħar u peress li fil-każ odjern il-kwantità mibjugħa kienet konsiderevoli, fil-fehma tiegħu l-bejgħ ma jaqax taħt it-terminu ta' bejgħ bl-imnut;

Ikkunsidrat:

Illi huwa minnu li fil-każ ta' bejgħ bl-imnut, normalment, il-kwantità tkun żgħira, però fil-fehma tal-Qorti, in-natura tal-vendita tkunx bl-ingrossa jew bl-imnut għandha iżjed tiġi ddeterminata mill-fatt jekk il-bejgħ sarx lill-konvenut għalih stess bħala konsumatur jew sarx lill-konvenut biex dan jerġa' jbigħ l-oġġett lil terzi għall-konsum tagħhom;

F'dan is-sens l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ ippronunzjat

ruħha fil-kawża fl-ismijiet "John Cini *vs* Salvatore Debono" deċiża fil-5 ta' Ġunju 1951 (Kollez: XXXV.III.613) meta rriteniet illi:

"In teorija, il-kriterju distintiv bejn il-grossista u d-dettaljatur huwa illi l-grossista jbigħ lil min jinnegozja mill-ħaġa li jixtri mingħandu, mentri d-dettaljatur ibigħ lill-konsumaturi u fil-kwalitajiet li dawn ikollhom bżonn";

Dan ukoll huwa l-kriterju li jinstab fi *"Stroud's Judicial Dictionary" (3rd Edition)* Vol. 4 p. 3290 li jgħid li:

*"As a general rule wholesale merchants deal only with persons who buy to sell again, whilst retail merchants deal with consumers";*

Issa l-fattispeċji tal-każ juru li l-konvenut, għalkemm xtara kwantità konsiderevoli ta' *diesel* xtraha għalih biex jużaha għall-*"boiler"* ta' l-*"airconditioning unit"* u l-*"heater"* fid-dar tar-residenza tiegħu;

Għalhekk il-bejgħ in kwistjoni għandu jiġi rritenut li sar bl-imnut u hija applikabbli għalih il-preskrizzjoni ssollevata mill-konvenut ta' tmintax-il xahar skond l-artikolu 2148 tal-Kodiċi Ċivili;

Ikkunsidrat:

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-bejgħ sar fis-17 ta' Diċembru 1985, u li ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fil-11 ta' Awissu 1987 meta kien skada t-terminu preskritt ta' tmintax-il xahar u ma nġibitx prova li l-preskrizzjoni ġiet interrotta a tenur

tal-liġi mill-attur *nomine* jew mill-konvenut stess bl-ammissjoni tiegħu, peress li ma nġiebet ebda prova tad-data meta l-konvenut allegatament qal lill-attur li sejjer iħallsu;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, taħt l-artikolu 2148 fuq ċitat, issollevata mill-konvenut u konsegwentement tiddikjara perenta l-azzjoni attriċi u tiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż kontra l-attur *nomine*";

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur *nomine* li biha interpona appell mis-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza minnu appellata, tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenut appellat li biha ssottometta illi...*omissis*...;

Is-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti hija ekwa u ġusta u timmerita konferma ta' l-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, il-vertenza tal-preskrizzjoni ssollevata mill-konvenut, fiċ-ċirkostanzi tal-provi kif jirriżultaw, kellha tiġi ddeterminata kontra tiegħu u dan għar-raġunijiet li ġejjin:

Fl-ewwel lok jiġi osservat illi fis-sentenza tal-Qorti tal-

Kummerċ *in re Attard vs* Refalo deċiża fil-15 ta' Novembru, 1892, l-Imħallef Dr Paolo Debono kien qal: "*La legge non definisce i relativi concetti del grande e del piccolo commercio, del commercio all'ingrosso e del commercio al minuto, ma secondo la dottrina il criterio direttivo per distinguere il grossista dal dettagliatore è che il primo vende per lo più a coloro i uqali commerciano della cosa comprata, mentre il secondo vende per lo più ai consumatori ed in piccole quantità misurate dal bisogno di costoro*";

Sussegwentement, l-Imħallef Dr Giovanni Pullicino, fl-appell inferjuri *in re* Fenech *vs* Galea deċiż fis-17 ta' Jannar, 1912, għalkemm aċċetta in teorija dina d-distinzjoni, osserva però opportunament illi l-liġi, fid-disposizzjoni dwar dina l-preskrizzjoni, ma tħarisx lejn dik li tista' tkun abitwalment il-professjoni tan-negozjant, ta' grossista jew minutant, imma tħares lejn il-vendità partikolari in kwistjoni *per se;* għaliex il-grossista jista', minn xi daqqiet, ibigħ eċċezzjonalment bid-dettall;

Dan il-kriterju ġie sussegwentement segwit ukoll *in re* Cini *vs* Debono, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-5 ta' Ġunju, 1951 fejn għal dik il-Qorti kien suffiċjenti tħares lejn il-kwantità mibjugħa u l-kont biex ipperswadiet ruħha li l-bejgħ ma kienx wieħed bl-imnut imma bl-ingrossa;

Dana qed jingħad peress li billi l-ewwel Onorabbli Qorti rriferiet għal din l-aħħar sentenza bħala li tgħid "in teorija, il-kriterju distintiv bejn il-grossista u d-dettaljatur huwa illi l-grossista jbigħ lil min jinnegozja mill-ħaġa li jixtri mingħandu, mentri d-dettaljatur ibigħ lill-konsumaturi u fil-kwantitajiet li dawn ikollhom bżonn", effettivament ma kinitx dik il-Qorti f'dik

is-sentenza li qalgħet hekk; anzi f'dik is-sentenza, dak li ġie appena ċċitat ma qalitux, fis-sens li ma qablitx miegħu bħala kriterju distintiv soddisfaċenti u kkwalifikatu fis-sens ta' dak li ntqal diġà aktar 'il fuq;

Fil-każ preżenti, apparti li temerġi ċara l-kwalità ta' grossista tas-soċjetà attriċi, anki mill-*letterheads* esibiti *(Suppliers & distributors of petroleum products''*, hemm il-fatt ta' l-ammont ta' *gas oil* fornit li jitkellem waħdu u l-kont relattiv. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ċertament, f'dan il-każ m'aħniex nitkellmu fuq kwantitajiet miżurati skond il-bżonn tal-konsumatur iżda konsenja waħda kbira ta' *gas oil* li faċilment setgħet tinxtara fi kwantitajiet żgħar skond il-bżonn. Fil-każ preżenti *si tratta* infatti, ta' ħames mitt gallun *gas oil,* u konsenja ta' din il-kwalità għall-impjant ta' *air conditioning* ta' dar ma tistax ħlief titqies bħala waħda bl-ingrossa;

Fl-aħħarnett din il-Qorti, peress li l-abbli difensur tal-konvenut ippretenda li d-differenza bejn bejgħ bl-imnut u dak bl-ingrossa huwa li dak ta' l-aħħar irid isir għal skop kummerċjali, m'huwiex wieħed validu għaliex, kif ġà spjegat, ma joħroġx mil-liġi tagħna anki jekk fil-prattika ħafna drabi hekk hu. Il-liġi tagħna din id-distinzjoni ma għamlithiex u kif ġie ġà osservat dak li jiddetermina n-natura tal-konsenja, ċjoè jekk hux bl-imnut jew bl-ingrossa, huwa n-negozju partikolari li jkun sar u partikolarment l-ammont involut. Infatti, skond il-liġi tagħna kif inhi, huwa possibbli li bejgħ bl-imnut isir mill-grossista wkoll bħal ma hu possibbli li d-dettaljatur f'ċerti ċirkostanzi jbigħ bl-ingrossa. Ċirkostanzi oħra li ssemmew mill-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti setgħu, forsi, fiċ-ċirkostanzi jkollhom rilevanza għall-kwistjoni, però ma ġewx sorretti minn provi peress li l-konvenut la qatt

xehed u anqas ipproduċa provi;

Għalhekk, fuq dan l-aspett biss, din il-Qorti tara li għandha biżżejjed biex takkolji l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata. Però hemm konsiderazzjoni oħra importanti li wkoll tkompli ssaħħaħha fid-determinazzjoni tagħha li tirrevoka s-sentenza appellata;

Infatti, kif ġà ġie osservat, ix-xiehda ta' l-attur *nomine* ma ġiet qatt ikkontestata billi l-konvenut qatt ma tela' jixhed jew ressaq xi provi avolja ġie mħarrek biex jixhed, u mix-xiehda ta' l-attur jirriżulta li sa ma beda jikteb lill-konvenut għall-ħlas fl-1987, il-konvenut diversi drabi wegħdu li ser iħallas (ara xiehda tal-5 ta' Frar, 1988) u dan id-diskors sar qabel ma bdiet il-korrispondenza. Ikkunsidrat li l-konsenja saret f'Diċembru, 1985 u f'Lulju 1987 l-attur beda jikteb lill-konvenut għall-ħlas u dan kollu mhux ikkontestat, din il-Qorti ma ssibhiex diffiċli biex tasal għall-konklużjoni li hemm provi suffiċjenti li l-perijodu preskrittiv, kien liema kien, ġie interrott bil-wegħdiet tal-konvenut li ser iħallas;

F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk, u minħabba l-posizzjoni legali kif spjegata diġà, u billi ma nġibux provi aktar, din il-Qorti sejra takkolji l-appell;

Għal dawn il-motivi, tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ssollevata mill-konvenut u tilqa' t-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat.